**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shawn Pawney)**
**Vs**
**MARICA BEZZINA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Marica Bezzina** detentrici tal-karta tal-identita numru 544886M, fejn giet akkuzata talli:

1. Nhar il-11 ta' Lulju 2019 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghodu gewwa l-bini tal-Qorti ta' Malta gewwa l-Belt Valletta, fil-Qorti Kriminali hekk kif preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL. D xhedet falz fi proceduri kriminali li huma suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn sew kontra kemm favur il-persuna akkuzata;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi halfet falz quddiem il-Qorti Kriminali hekk kif presuduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera Ll.D liema Qorti kellha s-setgha bil-ligi li taghti l-gurament;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SP2;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghha u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kienet inghatat iz-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputata iddikjarat li kellha bizzejjed zmien biex terga tirrikonsidra u li fehmet sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u li fehmet ukoll li l-ammissjoni taghha, kif fehmitha din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fis-sanzjoni.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghha.

Ghall-finijiet tal-piena, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fatt kif gie sottomess mid-difiza u l-prosekuzzjoni li l-imputata ghandha titqies bhala *a social case,* li ghandha bzonn l-ghajnuna tas-socjeta aktar milli kundanna, u finalment il-fatt illi d-difiza u l-prosekuzzjoni flimkien issottomettew verbalment u kienu qed jaqblu li l-ahjar sanzjoni ghandha tkun dik ikkontemplata f'wahda mid-dizpozizzjoniiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa n-natura serja tal-imputazzjonijet dedotti u li ghalihom l-imputata ammettiet.

Dawn huma lkoll fatturi li ser jigu riflessi fis-sanzjoni ikkontemplata mill-Qorti.

**Decide**.

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 10, 17, 31, 104(1), 108(1) u 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil **Marica Bezzina** fuq ammissjoni taghha stess, hatja tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u tordna li **Marica Bezzina** titqieghed taht Ordni ta' Probation ghal-zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fehmet fi kliem semplici u li jinfthiem lill-imputata bir-responsabbiltajiet taghha taht din l-ordni u bil-konsegwenzi jekk din l-ordni ma tigix segwita.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole*.

In oltre ai termini tal-Artikolu 10 u 109 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed timponi l-interdizzjoni generali ghal zmien ghaxar snin fuq l-imputata.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur